MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 923/2003

Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in
Rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union
International Insurance Limited kif surrogata fid-
Drittijiet ta' l-assigurat taghha Carmel Zammit
Abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip
Comprehensive u tal-ligi u l-istess Carmel Zammit

Vs

Victoria Galea

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u tmenin lira Maltija u tlieta u disghajn centezmu (Lm280.93) danni sofferti b'rizultat ta' incident tat-traffiku li sehh fit-8 ta' April 2002 ghall-habta tas-6.00 p.m. gewwa Pjazza San Frangisk, Qormi bejn il-vettura ta' l-attur Carmel Zammit bin-numru BAP 627 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru DBH 658, liema incident sehh tort tal-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal.

Rat il-kapitolu li giet pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondihom, u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' mitejn u tmenin lira Maltija u tlieta u disghajn centezmu (Lm280.93), bl-imghax skond il-ligi.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------